MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Numru. 46/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Clinton Spiteri ta' 22 sena, bin Michael u Rose nee' Muscat, imwieled Rabat, nhar il-04 ta' Ottubru 1986, residenti fil-fond numru Flat 3, Block D tac-Cawla Housing Estate, Rabat, (Ghawdex) u dententur tal-karta tal-identita' numru 44386(G)**

**U**

**Warren Spiteri ta' 20 sena, bin Michael u Rose nee' Muscat, imwieled Rabat, nhar is-17 ta' Awwissu, 1989, residenti fil-fond numru Flat 3, Block D tac-Cawla Housing Estate, Rabat, (Ghawdex) u dententur tal-karta tal-identita' numru 38589(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Clinton Spiteri u Warren Spiteri li gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-22 ta’ Gunju 2009, gewwa Triq Dun San Gwann Bosco, Rabat, (Ghawdex), ghal habta tad-disgha neqsin kwart ta’ filghaxija (20:45);

a) Volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqedu il-hajja ta’ Carmnu James Grech f’periklu car hebbew ghalih u kkagunawlu feriti ta’ natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. T G Farrugia ta’ l-Isptar Generali ta’ Ghawdex;
c) Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ghamlu hsara li jamonta ghal aktar minn mitejn u erbghin ewro (€240.00) fuq propjeta’ moboli ghad-detriment ta’ l-istess Carmnu James Grech;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-12 ta’ Awwissu 2009;

Semghet il-provi;

Semghet illi l-parti leza rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati u ddikjara li ma hu qed jippretendi xejn ghar-rigward tal-hsarat sofferti f’dan l-incident;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputati, il-fatt illi parti leza hafer lill-imputati ghall-akkadut u jidher illi llum lahqu arrangament bejniethom;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(dd), 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet tal-Malta filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawrit ghar-rigward tat-tieni (2) akkuza, issib lill-imputati hatja tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jew huma jikkommettu reat iehor f’dan iz-zmien ta’ liberta kundizzjonata;

Finalment b’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 torbot lill-hatja b’obbligazzjoni taht pernali ta’ tliet mitt ewro (€300) ghal zmien sena mil-lum fil-konfront ta’ Carmnu James Grech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------